# IL-QORTI ĠENERALI

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Frar 2013 — Kappa Filter Systems vs UASI (THE FUTURE HAS ZERO EMISSIONS)**

**(Kawża T-422/12)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Tardività — Assenza ta' każ fortuwitu — Inammissibbiltà manifesta")***

(2013/C 141/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kappa Filter Systems GmbH (Steyr-Gleink, l-Awstrija) (rappreżentant: C. Hadeyer, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-10 ta' Lulju 2012 (Każ R 817/2012-4), dwar ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali THE FUTURE HAS ZERO EMISSIONS.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Ir-rikorrenti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 355, 17.11.2012.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Marzu 2013 — Pilkington Group vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-462/12 R)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kompetizzjoni — Pubblikazzjoni ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Ċaħda tat-talba intiża sabiex jinkiseb trattament kunfidenzjali ta' data allegatament koperta mis-sigriet kummerċjali — Talba għal miżuri provviżorji — Urġenza — Fumus boni juris — Ibbilanċjar tal-interessi")***

(2013/C 141/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Pilkington Group Ltd (St Helens, Merseyside, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Scott, S. Wisking u K. Fountoukakos-Kyriakakos, solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Kellerbauer, P. Van Nuffel u G. Meeßen, aġenti)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 5718 finali, tas-6 ta' Awwissu 2012, li tiċħad talba għal trattament kunfidenzjali mressqa minn Pilkington Group Ltd, skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Ottubru 2011, dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (Kawża COMP/39.125 — Carglass), u talba għal miżuri provviżorji intiża sabiex tiġi ordnata ż-żamma tat-trattament kunfidenzjali mogħti lil ċerta data dwar ir-rikorrenti għal dak li jirrigwarda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 6815 finali, tat-12 ta' Novembru 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 (KE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.125 — Carglass).

**Dispożittiv**

(1) *It-talbiet għal intervent ta' HUK-Coburg, ta' LVM, ta' VHV u ta' Württembergische Gemeinde-Versicherung huma miċħuda.*

(2) *L-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 5718 finali tal-Kummissjoni, tal-6 ta' Awwissu 2012, li tiċħad it-talba għal trattament kunfidenzjali mressqa minn Pilkington Group Ltd, skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Ottubru 2011, dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċeduri dwar il-kompetizzjoni (Każ COMP/39.125 — Carglass), għal dak li jirrigwarda ż-żewġ kategoriji ta' informazzjoni, bħal dawk imsemmija fil-punt 6 tad-Deċiżjoni C(2012) 5718 finali, dwar, minn naħa, l-ismijiet tal-klijenti, l-ismijiet u d-deskrizzjonijiet tal-prodotti kif ukoll informazzjoni oħra li tista' twassal għall-identifikazzjoni ta' ċerti klijenti u, min-naħa l-oħra, fost id-dokumenti prodotti mill-Pilkington Group, is-sehem ta' manifattur ta' vetturi bil-mutur speċifiku, il-kalkoli tal-prezz, it-tibdil fil-prezz, eċċ.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija ordnata tastjeni milli tippubblika verżjoni tad-Deċiżjoni C(2008) 6815 finali, tat-12 ta' Novembru 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 (KE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.125 — Carglass), li tkun iktar dettaljata, għal dak li jirrigwarda l-informazzjoni fiż-żewġ kategoriji msemmija fil-punt 2 iktar 'il fuq, minn dik ippubblikata fi Frar 2010 fuq is-sit tal-Internet tagħha.*

(4) *Il-kumplament tat-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

(5) *L-ispejjeż huma rriżervati.*